REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/841

tal-14 ta' Marzu 2019

li jikkoreġi ċerti veżjonijiet tal-lingwa tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 62, 156, 160, 212 u 253 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Ġermaniża tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([2]) fiha żball fid-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(21) fir-rigward tal-merkanzija għall-użu personali u b'hekk jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Slovakka tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fiha żball fl-Artikolu 128(2) li ġie introdott bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 ([3]) fir-rigward tal-valur tal-oġġetti li għandhom l-istatus doganali ta' oġġetti tal-Unjoni, u b'hekk it-tifsira tad-dispożizzjoni hija opposta għal dik maħsuba.

(3) Il-verżjoni tal-lingwa Taljana tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fiha żball fil-punt (b) tal-Artikolu 226(1) fir-rigward tal-impjegat imsemmi fih.

(4) Il-verżjoni tal-lingwa Estonjana tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fiha żball fis-sentenza introduttorja tal-Artikolu 226(3) u t-tifsira tad-dispożizzjoni hija opposta għal dik maħsuba.

(5) Il-verżjonijiet tal-lingwa Daniża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Olandiża u Spanjola tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fihom żball fl-Anness 22-01 fir-rigward tal-oġġetti elenkati f'dak l-Anness.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet tal-lingwa Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Olandiża, Taljana, Slovakka u Spanjola tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġu korretti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma jintlaqtux,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn issistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 69, 15.3.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER